


# RIŻORSI AVVENT 2021

mcyn

# L-Antenati ta’ Ġesù

Din il-laqgħa tieħu forma ta’ attvità. Hi preparata biex nifhmu ktieb in-nisel ta’ Ġesù li jinqara waqt il-quddiesa tal-Velja tal-Milied u biex nieħu ftit pjaċir insiru nafu xi karattri mill-Bibbja.

<table>
<tr><td colspan="2">Serje: Avvent 2021</td></tr>
<tr><td colspan="2">Titlu: L-Antenati ta' Ġesù</td></tr>
<tr><td>Għanijiet</td><td><ul><li>Biex nifhmu ktieb in-nisel ta' Ġesù li jinqara waqt il-quddiesa tal-Velja tal-Milied.</li><li>Biex nieħu ftit pjaċir insiru nafu xi karattri mill-Bibbja.</li></ul></td></tr>
<tr><td>Riżorsi</td><td><ul><li>Bibbji</li><li>Internet (għar-riċerka)</li><li>Props li jistgħu jintużaw f'xi reċta (jekk jintużaw)</li></ul></td></tr>
<tr><td colspan="2">Pjan tal-Laqgħa</td></tr>
<tr><td>Talba</td><td></td></tr>
<tr><td>Qari</td><td>Aqraw Mattew 1: 1-17</td></tr>
<tr><td>Attività (30 min)</td><td>Spjega l-attività liż-żgħażagħ. Il-lista tan-nies imsemmija fil-ġenealoġija u r-referenzi tagħhom jistgħu jinstabu aktar l-isfel.<ul><li>Aqsam il-parteċipanti fi gruppi ta' 3-5.</li><li>Staqsi lil kull grupp biex jagħżel isem mill-ġenealoġija. Dan ikun il-karattru li se jirriċerkaw u jitgħallmu dwaru.</li><li>Staqsi lil kull grupp żgħir biex jipprepara mod kif jaqsam l-istorja/informazzjoni mal-bqija tal-gruppi. Il-parteċipanti jistgħu jkunu kreattivi kemm jixtiequ - jistgħu jipprepara reċta qasira/kanzunetta/spjegazzjoni dwar il-karattru magħżul. (Ħalli mill-inqas 15-il minuta għall-preparazzjoni).</li><li>Staqsi lil kull grupp żgħir biex jippreżenta l-karattru tiegħu lill-bqija taż-żgħażagħ.[1]</li></ul></td></tr>
<tr><td>Kontenut (15 min)</td><td>Il-kontenut ta' din is-sessjoni jista' jiġi ppreżentat b'żewġ modi: jew b'risposta għall-mistoqsijiet li jaf iqumu waqt li jkunu qed jiġu ppreżentati l-karattri differenti, jew wara li jintemmu l-preżentazzjonijiet.<ul><li>In-nisel jagħtina l-antenati ta' Ġesù imma wkoll l-identità u l-missjoni tiegħu.</li><li>Hu dak li se jġib il-barka ta' Abraham lid-dinja kollha.</li><li>Hu l-iben tas-sultan David li Iżrael kollu ilu jistenna.</li><li>Hu dak li kitbu dwaru l-profeti, u li s-salmisti kantaw dwaru.</li><li>Hu se jkun is-sultan ta' Iżrael li jbierek il-ġnus kollha tad-dinja, speċjalment il-barranin (nisa fil-ġenealoġija).</li></ul></td></tr>
</table>

[1] Jekk din l-attività qed issir b'mod virtwali, tista' tieħu l-forma ta' *PowerPoint Party*.

| | |
|---|---|
| Mistoqsijiet/ Diskussjoni (10 min) | *Ħalli ftit ħin għall-mistoqsijiet li jista' jkollhom iż-żgħażagħ. Jekk jistaqsu xi ħaġa li ma tafx dwarha, ħossok liberu li tfittex waqt il-laqgħa.* |
| Talba | |

**Kontenut: Nagħmlu sens mill-Ġenealoġija ta' Ġesù**
Test sħiħ: https://bibleproject.com/blog/jesus-genealogies/

Il-mod ta' kif Mattew juri li Ġesù jġib fis-seħħ l-istorja tat-Testment il-Qadim huwa billi jibda b'ġenealoġija. Fl-ewwel sentenza tal-ktieb, Mattew jgħidilna b'żewġ persuni li huma l-aktar importanti f'din il-ġenealoġija: "Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham." Minn din l-istqarrija tal-bidu, naraw li dan l-arblu tar-razza jgħinna nifhmu mhux biss l-antenati ta' Ġesù iżda ukoll l-identità u l-missjoni tiegħu.

**Bin Abraham**
Billi jsejjaħ lil Ġesù "iben Abraham," l-awtur qed jgħaqqad lil Ġesù ma' missier il-poplu ta' Iżrael. Abraham jirrappreżenta l-mument meta Alla għażel u ssepara lill-familja tiegħu mill-bqija tal-ġnus fil-Ktieb tal-Ġenesi. Kien permezz tal-poplu Lhudi li Alla wiegħed li jġib barka lill-umanità kollha (Ġen 12:1-3). Billi jorbot lil Ġesù ma' Abraham, Mattew qed jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej lura lejn il-wegħda tal-pjan t'Alla għas-salvazzjoni tad-dinja. Iridna naraw li Ġesù huwa l-iben tant mistenni ta' Abraham li se jġib il-barka t'Alla lill-umanità kollha.

**Sultan min-nisel David**
L-identità ta' Ġesù bħala dixxendent ta' David hija tema importanti fl-evanġelju ta' Mattew. "Bin David," huwa titlu li l-awtur juża ħafna. L-isem t'Abraham jindika li Ġesù kien parti mill-poplu Lhudi. Isem David jgħidilna li Ġesù kien parti mid-dar tas-Sultan David.

L-għan tal-awtur hu li juri li Ġesù għandu dixxendenza rjali. Dan jidher mill-fatt li l-antenati ta' Ġesù f'dan it-test huma dixxendenti tas-Sultan Salamun. Fl-evanġelju ta' Luqa, id-dixxendenza jagħtiha permezz ta' Natan. Madankollu, l-awtur mhuwiex ikkonċernat minn-nisel ġenetiku. Qed jipprova juri lil Ġesù bħala suċċessur u werriet leġittimu tat-tron tas-saltna ta' David. L-awtur isegwi n-nisel tal-familja minn Salamun sa Ġekonija, li kien is-sultan min-nisel ta' David u li kien ħaj fi żmien l-eżilju.

**14-il ġenerazzjoni**
Il-ġenealoġija ta' Mattew hi maqsuma fi tliet partijiet li jkopru 14-il ġenerazzjoni kull wieħed. Fil-lingwa miktuba tal-Ebrajk, l-ittri jintużaw ukoll bħala numri, u għalhekk kull ittra għandha valur numeriku. L-isem ta' David bl-Ebrajk huwa "דוד."

- "ד" (dalet) = 4
- "ו" (waw) = 6
- 4+6+4=14, il-valur numeriku tal-isem ta' "David".

Mattew ħoloq il-ġenealoġija li torbot lil Ġesù ma' David kemm b'mod espliċitu kif ukoll fid-disinn letterarju. Fil-fatt, Matthew irid jenfasizza din l-idea "14 = David" tant li intenzjonalment ħalla barra diversi ġenerazzjonijiet min-nisel David biex in-numri jaqblu.

**Profeti u Salmisti**
Mattew m'għamilx biss tibdil fin-numri. Huwa rranġa ukoll ftit ittri f'xi ismijiet bl-istess għan. Pereżempju, hu biddel l-ismijiet ta' Asa u Amon għal Asaf (il-poeta li jidher fil-ktieb tas-Salmi) u Għamos (il-profeta magħruf). Matthew qed jinki ftit lil qarrejja hawn, għax kien jaf se jindunaw bl-ismijiet mhux f'posthom. Il-punt, ovvjament, hu li Ġesù mhux biss iwettaq it-tamiet ta' Iżrael għal-sultan, iżda ukoll it-tama tas-salmisti (Asaf) u l-profeti (Għamos).

**Nisa fil-Ġenealoġija**

Innota li Mattew isemmi erba' nisa fil-ġenealoġija tiegħu: Tamar, Raħab, Rut, u Batseba. L-erbgħa li huma kienu jew mhux Lhud jew għandhom rabta ma' familji mhux Lhudija. Mhux biss mhuwiex normali li Mattew jinkludi ismijiet femminili f'ġenealoġija kollha maskili, iżda dawn in-nisa partikolari huma kollha assoċjati ma' skandlu (jew potenzjal ta' skandlu). Mattew irid li l-qarrejja tiegħu jaraw li Alla kien qed juża kull tip ta' persuna biex imexxi l-pjan tiegħu 'l quddiem.

Allura naqraw il-ġenealoġija ta' Mattew u naraw in-nisel rjali ta' Ġesù. Hu dak li se jġib il-barka ta' Abraham lid-dinja kollha. Hu l-iben irjali ta' David li Iżrael kollu ilu jistenna. Hu dak li kitbu dwaru l-profeti, u li s-salmisti kantaw dwaru. Hu se jkun is-sultan ta' Iżrael li jbierek il-ġnus kollha tad-dinja, speċjalment il-barranin. Dan kollu nafuh għax Mattew jgħidulna f'ġenealoġija li tikxef bir-reqqa t-tama li sabet il-qofol tagħha f'Ġesù.

| **Names mentioned in Matthew 1 & their respective Biblical references** | |
|---|---|
| Abraham | Genesis 11 to 25 |
| Isaac | Genesis 21 to 35 |
| Jacob | Genesis 25 to 49 |
| Judah | Genesis 29 to 50 |
| Serah & Perez by **Tamar** *(refer to Women in the Genealogy above)* | Genesis 38 |
| Hezron | Genesis 46; Ruth 4:18-19; 1 Chronicles 2:5<br>(no story, just a mention) |
| Aram | 1 Chronicles 2:9<br>Rith 4:19<br>(no story, just a mention) |
| Aminadab | Exodus 6:23<br>(no story, just a mention) |
| Nahshon | Exodus 6:23<br>Numbers 1:7, 2:3, 7:12-17, 10:14<br>Ruth 4:20<br>1 Chronicles 2:4-10<br>(no story, just a mention) |
| Salmon | Ruth 4:20-21<br>1 Chronicles 2:10-11<br>(no story, just a mention) |
| **Rahab** *(refer to Women in the Genealogy above)* | Joshua 2 |
| Boaz | Ruth 2-4<br>1 Chronicles 2:11-12 |
| **Ruth** *(refer to Women in the Genealogy above)* | Ruth 1 to 4 |
| Obed | Ruth 4:21-22<br>1 Chronicles 2:12 |
| Jesse | 1 Samuel 16 to 17<br>1 Chronicles 2<br>Isaiah 11:1-3 |
| King David | 1 Samuel 16 to 31<br>2 Samuel<br>1 Kings 1-2 |
| **Bathsheba** the wife of Uriah *(refer to Women in the Genealogy above)* | 2 Samuel 11 |

| | |
|---|---|
| Solomon | 2 Solomon 12 to<br>1 Kings 11 |
| Rehoboam | 1 Kings 12 - 15<br>2 Chronicles 10 - 12 |
| Abijah | 1 Kings 14 - 15<br>1 Chronicles 3<br>2 Chronicles 12 - 14 |
| Asaph (*refer to Prophets & Psalmists above*) | 1 Chronicles 15 - 16<br>Psalm 77 & 78 |
| Jehoshaphat | 1 Kings 22<br>2 Chronicles 17 to 21 |
| Joram | 2 Kings 8 - 9<br>2 Chronicles 21 |
| Uzziah | 2 Kings 15<br>2 Chronicles 26 |
| Jotham | 2 Kings 15<br>2 Chronicles 27 |
| Ahaz | 2 Kings 16<br>Isaiah 7 |
| Hezekiah | 2 Kings 18 - 20<br>2 Chronicles 29 - 30 |
| Manesseh | 2 Kings 21<br>2 Chronicles 33 |
| Amos (*refer to Prophets & Psalmists above*) | The Book of Amos |
| Josiah | 2 Kings 22<br>2 Chronicles 34 - 35 |
| Jechoniah | 2 Kings 23<br>2 Chronicles 36<br>Jeremiah 27 |
| Salathiel | 1 Chronicles 2:17<br>(no story, just a mention) |
| Zerubbabel | Ezra 2 - 5<br>Haggai |
| Abiud, Eliakim, Azor, Zadok, Achim, Eliud, Eleazar, Matthan, Jacob | *Although Biblical names, these names may come from oral tradition and have no other biblical reference.*[2] |

[2] The New Jerome Biblical Commentary

# Lissen “Le”

Din il-laqgħa tiffoka fuq il-ħsieb wara ż-żmien tal-Avvent.
L-għan ta’ din il-laqgħa hu li nagħrfu l-importanza li ngħidu "le"
aktar u nagħmlu aktar spazju u ħin għall-miġja ta’ Ġesù.

| | |
|---|---|
| **Serje: Avvent 2021** | |
| **Titlu: Lissen “Le”** | |
| Għanijiet | ● Biex niftrakru r-raġuni wara ż-żmien tal-Avvent<br>● Biex nagħrfu l-importanza li ngħidu "le" aktar u nagħmlu aktar spazju u ħin għall-miġja ta’ Ġesù. |
| Riżorsi | ● Karta għal kull parteċipant<br>● Lapsijiet/pinnen<br>● Video: *Advent: More Than a Chocolate Calendar* (jekk se jintuża)<br>● Bibbji/Silta tal-Evanġelju (jekk se tintuża) |
| **Pjan tal-Laqgħa** | |
| Talba | |
| Attività (10 min) | ● Aqsam il-parteċipanti fi gruppi ta’ 2-4.<br>● Agħti karta lil kull persuna.<br>● Staqsi lill-gruppi ż-żgħar biex jitkellmu dwar xi jkollhom fil-ġimgħa tagħhom (*schedule*). Staqsihom jiktbu l-faċendi u l-attivitajiet tagħhom ta' kuljum. (Il-mod kif jippreżentawha jista’ jkun kreattiv kemm jixtiequ, sakemm dak li jiktbu/jpinġu jkun veru.)<br>● Ħeġġiġhom biex jaħsbu dwar affarijiet bħall-iskola, l-isports, faċendi, l-istudju/x-xogħol tad-dar, il-ħin li qattgħu *online*, il-ħin tal-familja, eċċ. |
| Kontenut (15 min) | *Araw il-vidjow* Advent: More Than a Chocolate Calendar ta’ Ascension Presents https://youtu.be/SA-gx-PWB0A<br>*jew ippreżenta l-kontenut li jinsab hawn taħt.*<br><br>*Jekk se tkun qed tuża l-vidjow, ħalli ftit ħin wara biex iż-żgħażagħ jaqsmu bejniethom dak li laqathom mill-vidjow.*<br>*Jekk tkun se tippreżenta l-kontenut int, ħalli l-ħin għal xi mistoqsijiet li ż-żgħażagħ jista’ jkollhom. Tista’ anki tistaqsi lil żagħżugħ jew żagħżugħa biex, wara li tlesti, jagħtu sommarju ta’ dak li qsamt magħhom.* |
| Diskussjoni (15 min) | 1. Li kieku Ġesù kellu jiġi illum, ssib ħin għalih?<br>*Irreferu lura għall-attività li saret fil-bidu tal-laqgħa.*<br>2. Meta tqis l-iskop tal-Avvent: Għal xiex tista’ tgħid “le” f’dan iż-żmien, biex tipprepara għall-miġja ta’ Kristu?<br>*Agħti liż-żgħażagħ ftit ħin biex jirriflettu fuq it-tieni mistoqsija. L-ewwel jistgħu jiddiskutu l-mistoqsija mal-persuna ta’ ħdejhom, u mbad jaqsmuha mal-grupp kollu.* |

| | |
|---|---|
| Lectio Divina | *Jekk għandkom il-ħin, tista' ssir lectio divina bħala parti mil-laqgħa. Jekk le, aqbeż għall-azzjoni. Tista' ssib gwida għal-lectio divina hawn taħt.*<br><br>Luqa 19:1-10<br><br>*Waqt li tinqara s-silta, morru lura l-mistoqsija tematika:* Li kieku Ġesù kellu jiġi illum, ssib ħin għalih? |
| Azzjoni (10 min) | • Stieden lil kull żagħżugħ biex jiddeċiedi jekk iridx jgħid “le” għal xi ħaġa speċifika għal dan l-Avvent.*<br>• Ladarba jkunu ddeċidew, stedinhom jiktbuha u għidu lil ħabib/a dwar l-għażla tagħhom. Ħeġġeġ *accountability* bejn il-membri tal-grupp.<br><br>**Ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jagħmlu l-għażliet tagħhom ibbażati fuq li jagħmlu spazju/ħin għal Alla, u mhux jagħżlu xi ħaġa vaga biex iwieġbu l-mistoqsija. Għin liż-żgħażagħ jistabbilixxu l-parametri tagħhom stess. Pereżempju, jekk jgħidu li se jqattgħu inqas ħin fuq TikTok, issuġġerixxi li jiddiċiedu kemm ħin jistgħu jqattgħu kuljum.* |
| Talba | |

**Punti ewlenin minn *Advent: More Than a Chocolate Calendar* ta' Ascension Presents**
https://youtu.be/SA-gx-PWB0A

L-Avvent huwa t-tħejjija devota u ferrieħa għall-miġja ta' Ġesù.

L-Avvent mhuwiex żmien penitenzjali. (Ir-Randan huwa żmien penitenzjali.)

- Devot tfisser sod, determinat, bil-qalb kollha.
- Il-ferħ (*joy*) huwa aktar profond mill-kuntentizza (*happiness*). Il-ferħ huwa l-abbiltà li jkollok ċertu kuntentizza (*happiness*) indipendenti miċ-ċirkostanzi tiegħek. Huwa li tħossok tajjeb għax taf li l-Missier iħobbok. Il-ferħ huwa għażla.

- It-tħejjija għall-miġja ta' Kristu għandha żewġ aspetti:
    - Niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù 2000 sena ilu.
    - Niċċelebraw u nippreparaw għat-tieni miġja ta' Kristu.

- Għalhekk, l-għan tal-Avvent huwa li
    - Niċċelebraw u nqimu lil Alla sew fil-Milied
    - Nippreparaw lilna nfusna għat-tieni miġja tiegħu.

Il-qaddisin il-kbar kienu jitkellmu dwar il-miġja intermedjarja ta' Kristu.
- Dan meta Kristu jidħol fil-ħajja tagħna preżenti: meta nitolbu, meta naqraw il-Kelma tiegħu, meta ninġabru f'ismu jew inkunu fil-preżenza tal-Ewkaristija.

Li kieku Ġesù kellu jiġi illum, ssib ħin għalih?

- L-Avvent jeħtieġ li jkun żmien ta' tħejjija, u għalhekk għandna nużaw il-kelma "le" aktar, sabiex nagħmlu spazju u ħin fil-ġurnata tagħna għal Ġesù.
- Meta ngħidu le, qed nagħtu lok lil Kristu biex jidħol f'ħajjitna. Irridu ngħidu le aktar sabiex inkunu nistgħu ngħidu iva aktar lil Ġesù.

Dan l-Avvent, minkejja li mhux żmien penitenzjali, aħna lkoll mistiedna ngħidu "le" aktar.

**Lectio Divina**

Preparamenti qabel il-laqgħa:
- Ħu ftit ħin biex titlob u taħseb qabel ma tagħżel is-silta mill-iskrittura.
- Idealment, il-persuna li ħa tmexxi l-lectio divina tkun diġa talbet bis-silta qabel il-laqgħa.

Riżorsi Meħtieġa:
- Silta mill-Bibbja magħżula qabel il-laqgħa. Ara ukoll li kull parteċipant jkollu Bibbja jew kopja tas-silta li se tintuża.
- Idealment, għandu jkollhom ukoll xi ħaġa fuq xiex jiktbu r-riflessjonijiet tagħhom, bħal prayer journal jew karta.

Qabel ma jibda' l-ħin ta' talb, spjega lil parteċipanti il-proċess tal-Lectio Divina (assigurhom li mhix talba ikkumplikata, avolja għandha isem latin.)
- It-terminu Lectio Divina jfisser qari tal-Kelma ta' Alla. Dan l-eżerċizzju mhux biss qari tal-Bibbja. Ifisser ukoll li s-silta mill-Kelma t'Alla wieħed jimmeditaha, jitlob permezz tagħha u jikkontemplaha, b'tali mod li jħalliha taħdem fih.
- Spjega l-erba' passi tal-proċess
- Spjega li l-punt hu li niskopru aktar min hu Alla u dak li jrid jgħidilna. Xi kultant, dan isir b'mod ċar. Xi kultant jaf tħossok li tlabt għal xejn. Il-ħin ma' Alla mhu qatt moħli, anke jekk ma tħossokx produttiv.

Innota ftit x'inhi l-burdata tal-grupp. Ara jekk tistax tagħmel xi ħaġa biex tgħin lill-grupp jidħol fit-talba.
- F'xi gruppi jista' jkun li tgħin jekk jkun hemm xi musika akustika għaddejja waqt li tinqara l-iskrittura.
- Għal oħrajn, tkun aktar ta' ġid meta din it-talba ssir b'mod casual, bħal konversazzjoni bejn il-ħbieb.

L-importanti hu li, waqt li għandha nersqu lejn l-Iskrittura b'rispett u reverenza, ma jiġix sforzat ambjent li fih il-parteċipanti jħossuhom skomdi.

1. **Lectio (Aqra)**
    - Sibu s-silta ta' l-Iskrittura li ħa tinqara.
    - Aqra s-silta/staqsi lil xi ħadd jaqra s-silta bil-mod.
    - Staqsi lil parteċipanti liem kelma jew frażi laqtithom. M'hemmx għalfejn ikun hemm raġuni.
    - Stiedinhom jaqsmu dil-kelma/frażi mal-kumplament tal-grupp.

2. **Meditatio (Aħseb)**
    - Qabel ma tinqara s-silta għat-tieni darba, stienden l-parteċipanti jqiegħdu lilhom infushom fix-xena. Staqishom jaħsbu fuq fejn qegħdin, min hemm madwarhom, x'qed jaraw, jisimgħu, jxommu u jħossu. Kif qed iħossuhom huma f'din l-istorja?
    - Aqraw/isimgħu s-sitla għat-tieni darba.
    - Għati ftit ħin biex jkompli jirriflettu (u jekk iridu, jiktbu). Wara, stiedinhom jaqsmu ma' xulxin dak li immaġinaw.

3. **Oratio (Itlob)**
    - Qabel ma tinqara s-silta għat-tielet darba, staqsi l-mistoqsija: X'taħseb li qed jipprova jgħidlek Alla permezz ta' din is-silta?
    - Aqraw is-silta għat-tielet darba.
    - Għati ħin għar-riflessjoni.

4. **Contemplatio (Ikkontempla)**
    - Spjega li dawn l-aħħar ftit minuti huma opportunità li jerġgħu jħarsu lejn dak li ħasbu u talbu matul dal-ħin. Huwa ħin ukoll biex jaħsbu dwar dak li ħa jibqgħu jġorru minn dal-mument ta' talb. Forsi xi tagħlima, revelazzjoni jew action point.
    - Aqraw is-silta għar-raba' u l-aħħar darba.
    - Stieden lil parteċipanti jaqsmu ma' xulxin x'inhu dak li ħadu minn dal-ħin ta' talb.
    - Għalqu dal-ħin ta' talb billi tgħidu l-Glorja.

## Nimxu ma’ Ġużeppi

L-idea wara din il-laqgħa hi li noħorġu nimxi ftit maż-żgħażagħ, nqattgħu ftit ħin fil-kampanja (jekk hu possibbli), u nitkellmu dwar San Ġużepp.

| Serje: Avvent 2021 | |
|---|---|
| **Titlu: Nimxu ma' Ġużeppi** | |
| Għanijiet | • Biex noħorġu maż-żgħażagħ, nqattgħu ftit ħin fil-kampanja (jekk hu possibbli), nitkellmu dwar San Ġużepp u nimxu. |
| Riżorsi | • Rotta għall-mixja |
| **Pjan tal-Laqgħa** | |

*Qabel ma twieled Ġesù, Ġużeppi u Marija vjaġġaw flimkien għal madwar 145km (minn Nazaret sa Betlehem). L-idea wara din il-laqgħa hi li noħorġu maż-żgħażagħ, nqattgħu ftit ħin fil-kampanja (jekk hu possibbli), nitkellmu dwar San Ġużepp u nimxu.*

***Mixja***
*145km huma ftit inqas mill-perimetru ta' Malta, iżda li nimxu 145km hija xi ftit diffiċli. Pjanaw rotta addata għall-grupp tagħkom. Fl-aħħar tal-mixja, ikkomparaw kemm imxejtu mal-145km - dan jaf tgħin liż-żgħażagħ ikollom idea ta' kemm imxew San Ġużepp u l-Madonna.*
*Hawn huma xi ideat ta' rottot:*
https://greatwalksmalta.com/wp-content/uploads/2013/09/malta-coastal-sample1.pdf
https://heritagemalta.org/hm-smile-with-miles-initiative/
https://lovinmalta.com/lifestyle/things-to-do/6-breathtaking-hike-trails-in-malta

***San Ġużepp***
*Qabel il-laqgħa*
- *Il-leaders jistgħu jaqraw ftit dwar San Ġużepp biex ikunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet li jaf ikolhom iż-żgħażagħ. JEW*
- *Staqsu liż-żgħażagħ biex ifittxu fatti/stejjer dwar San Ġużepp li mbad jaqsmu mal-bqija tal-grupp waqt il-mixja.*

*Tistgħu ukoll tinkoraġġixxu diskussjoni dwar il-ħajja ta' San Ġużepp billi tistaqsu liż-żgħażagħ kif kienu jħossuhom huma f'post San Ġużepp (mhux biss qabel twieled Ġesù, iżda ukoll bħala missier Ġesù.)*

*Xi artikli dwar San Ġużepp:*
https://aleteia.org/2021/03/01/10-things-you-should-know-about-st-joseph/
https://aleteia.org/2021/03/19/st-joseph-his-life-his-miracles-and-his-legacy/
https://www.franciscanmedia.org/saint-of-the-day/saint-joseph-husband-of-mary
https://youtu.be/6--SXOXQbDc
https://media.ascensionpress.com/podcast/st-joseph-the-silent-hero/
https://www.vaticannews.va/en/pope/news/2020-12/pope-francis-proclaims-year-of-st-joseph.html

*Inkludu ukoll xi mument jew tnejn ta' talb waqt il-mixja. Jistgħu jintużaw il-Litanija ta' San Ġużepp u t-talba tal-Papa lil San Ġużepp.*

**Talba lil San Ġużepp**

Sliem għalik, ħarries tal-Feddej,
u għarus tal-Verġni Marija.
Lilek Alla fdalek lil Ibnu:
fik Marija qiegħdet il-fiduċja tagħha;
miegħek Kristu trawwem bħala raġel adult.

O Mqaddes Ġużeppi, kun missier għalina ukoll,
u mexxina fit-triq tal-ħajja.
Aqlgħalna l-grazzja, il-ħniena u l-kuraġġ,
u ħarisna minn kull deni. Ammen.

Papa Franġisku

**Litanija ta’ San Ġużepp**
https://www.laikos.org/litanija_san_guzepp_2021.pdf